MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru 650/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**BRIAN WOOD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Brian Wood ta' 37 sena bin Harold Thomas u Rose Ebejer imwieled il-Pieta' fis-27 t'Awissu 1970 u joqghod f'Blokk 9, Bieb B, Triq il-Gilju, San Gwann, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 0383870M.

Billi gie akkuzat talli nhar is-16 ta’ Frar, 2008, ghal habta tas-7 p.m. fl-Imsida, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joanne Said (I.D. Card No. 01112274M) u dan kif hekk gie iccertifikat minn Dr. Huanita Agius, M.D. Dan bi ksur tal-Artikoli 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra Joanne Said sabiex tingurjha, iddejaqha jew taghmillha hsara lil din il-persuna;

(c) Tagha fastidju lil istess Joanna Said ai termini ta’ l-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) Minhabba l-imgieba tieghu, ikkaguna lil Joanne Said li tibza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dank if indikat fl-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(e) U billi gie akkuzat ukoll talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat iehor li hu kellu jisorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu dmir li jimpedixxi ai termini ta’ l-artikolu 141 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CE3 u nnutat li l-imputat Brian Wood m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Joanne Said iddikjarat li qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat rigwardanti l-akkuzi kollha salv l-akkuza (b) migjuba kontra l-imputat.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza (b) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza (b) migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Brian Wood, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza (b) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u il-fedina penali netta ta’ l-imputat, tikkundanna lill-imputat Brian Wood ghall-piena ta’ mija u sbatax Euro (Euro 117) multa.

Rigward l-akkuzi l-ohra kollha, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-parte civile Joanne Said fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tiddikjara procediment esaurit stante Rinunzja.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikoli 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Brian Wood b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmi ta’ Ewro (Ewro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ Joanne Said ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------